**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 347/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Scerri**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Scerri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0169168M, akkużat flimkien ma' *Omissis*, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:-

> B'diversi atti magħmulin mill-ħati ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmulin b' rizoluzzjoni waħda u li dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, billi fl-5 t'April 2014 bejn 12.45hrs u 13.00hrs waqt li kienu qed jgħamlu użu minn truck armat bil-high up, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB-059 irreġistrat f' isem l-istess Joseph Scerri, ikkommettew serq ta' oġġetti tal-ħadid li jikkonsistu f'katina ħoxna u casing tal-piler li jiswew aktar minn €2,329.37 għad-dannu tal-kumpanija Polidano Group li tinsab f'Hal Farrug limiti ta' Hal-Luqa liema serq huwa aggravat bil-valur.
>
> Akkuzati wkoll talli fl-4 t'April 2014 bejn il-11.00hrs u 12.00hrs mill-istess impjant Polidano group li jinsab fiz-zona ta' Hal Farrug limiti ta' Hal Qormi, ikkommettew serq ta' oġġetti tal-ħadid li jikkonsistu fi trabixu u gardien shaft

komplut bid-differention li jiswew iktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' l-istess kumpanija Polidano Group.

U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentament xtraw jew laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod ieħor li jkunu indaħlu biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu ġejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u ċirkustanzi daħal f'proprjeta' privata mingħajr permess tas-sid.

U aktar talli rrendew ruħhom reċedivi ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mil-Qrati ta' Malta kemm bħala Qorti Kriminali kif ukoll Qorti tal-Appell, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 261(c), 267, 279 (b), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Joseph Scerri ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) akkużi kif dedotti kontrih u ċioè ta' serq aggravat bl-ammont u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija effettivi, filwaqt li lliberatu mill-ħames (5) akkuża kif dedotta kontrih u ċioè tar-reat ta' riċettazzjoni stante li tali reat ta' huwa wieħed alternattiv għar-reat ta' serq. *Inoltre*, illiberatu mis-sitt (6) akkuża kif dedotta kontrih u ċioè tar-reċidiviżmu stante li dan ma ġiex ippruvat. *In oltre'*, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat Joseph Scerri jħallas l-ammont ta' elf u erbatax-il ewro u disgħa u tletin ċentezmu (€1,014.39c) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellant, Joseph Scerri, ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex "*okkorendo li tilqa' l-ewwel aggravju, tikkanċella u tannulla s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2023 billi tiddikjara nulla fit-termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u okkorendo jidrilha opportun tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jinstemgħu mill-ġdid. Okkorendo tirriġetta dan l-ewwel aggravju, timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati ta' l-akkuza ta' serq tal-5 t'April 2014 imsemmija fl-ewwel akkuża u tikkonferma fejn ma sabitux ħati ta' l-akkuza ta' reċedivizmu, tħassarha u tirrevokaha għal dak*

*li jikkonċerna l-akkuzi l-oħra u minnhom tilliberah u tipprovdi għal piena aktar miti u idonja fiċ-ċirkostanzi*".

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 25 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji marbuta mal-mertu, il-Qorti hija tal-fehma illi għandu jkun ikkunsidrat l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant fejn huwa jqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u dan għaliex fil-parti deċiżorja ma jirriżultax għal liema akkużi qed tinstab il-ħtija u dwar liema l-appellant qed jkun illiberat.

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Fuq kollox:-

> **Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza**.[1]

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm l-imputat kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-ġudikabbli jkun

[1] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.

qed jiġi misjuba ħati, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, fil-każ odjern, il-parti deċiżorja tas-sentenza appellata taqra hekk:–

> **Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 261(c), 267, 279 (b), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Joseph Scerri hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u it-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontrih cioe' ta' serq aggravate bl-ammont u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettivi;**
>
> **Filwaqt li tilliberah mill-hames (5) akkuza kif dedotta kontrih u cioè tar-reat ta' ricettazzjoni stante li tali reat ta' huwa wiehed alternattiv ghar-reat ta' serq;**
>
> **Tilliberah mis-sitt (6) akkuza kif dedotta kontrih u cioè tar-recidivizmu stante li dan ma giex ippruvat;**

Illi, jibda biex jingħad illi fiċ-ċitazzjoni l-imputazzjonijiet ma humiex enumerati, bl-appellant ikun mixli fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet lilu addebitati bir-reat tas-serq aggravat bil-valur, fit-tielet imputazzjoni huwa akkużat bir-reat ta' riċettazzjoni, ir-raba' imputazzjoni titkellem dwar ir-reat kontravvenzjonali tal-vjolazzjoni tal-proprjeta' u finalment huwa mixli bl-addebitu tar-reċidiva. Illi imbagħad fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata is-07 ta' April 2015, l-Avukat Ġenerali indika illi l-Qorti tal-Maġistrati tista' issib ħtija għar-reati imfassla fl-artikoli 261(c), 267, 279(b), u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll indika l-artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar ir-reċidiva u ċioe' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, bl-Avukat Ġenerali għalhekk jommetti milli jindika ukoll l-artikolu 340(d) li jikkontempla ir-reat kontravvenzjonali dwar il-vjolazzjoni tal-proprjeta'.

Issa x'inhi ir-*ratio legis* wara n-nota ta' rinviju għal gudizzju, li hija ekwiparata mal-att ta'l-akkuża? L-Avukat Ġenerali, wara li lilu jkunu ġew mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali l-atti tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, jista' jibgħat lura lil dik il-qorti dawk l-atti din id-darba biex issa hija tiddeċiedi fuq il-ħtija o meno tiegħu, u dan skont ir-reati hemmhekk addebitati lill-istess imputat. Issa bin-nota ta' rinviju għal ġudizzju il-Qorti qed tiġi imsejha tasal

għal ġudizzju finali fuq il-każ ippreżentat quddiemha għar-reati infraskritti fl-imsemmija nota u mhux dawk li jidhru fuq l-akkuża ippreżentata mill-Pulizija Eżekuttiva. Il-funzjoni tar-rinviju għal ġudizzju huwa illi jfassal it-termini li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati issa għandha tiddeċiedi l-kawża u dan meta l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi li ma jqiegħedx lill-imputat taħt att tal-akkuża, u għalhekk jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati biex tiddeċidi l-kawza hija stess skond it-termini tar-rinviju.

Issa għalkemm l-Ewwel Qorti fil-parti deċiżorja indikat illi kienet qed issib ħtija għar-reati imfassla fl-ewwel sat-tielet imputazzjonijiet, hija ikkwalifikat dan billi stqarret illi l-appellant kien qed jkun misjub ħati tar-reati lilu addebitati tas-serq aggravat bil-valur. Illi minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni, kif ingħad, l-appellant huwa mixli fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet biss bir-reat tas-serq, bit-tielet imputazzjoni u mhux il-ħames titkellem fuq ir-reat ta' riċettazzjoni, u l-ħames imputazzjoni titratta l-addebitu tar-reċidiva u mhux is-sitt imputazzjoni, li fil-verita' din ta'l-aħħar lanqas biss teżisti. Imbagħad s-sentenza appellata ma titkellem xejn dwar ir-raba' imputazzjoni għalkemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax l-artikolu tal-liġi li jikkontempla din il-kontravvenzjoni fir-rinviju għal ġudizzju sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tidħol biex tiddeċiedi dwar din ir-raba' imputazzjoni.

Dan magħdud, ma jistax jingħad illi l-Ewwel Qorti tbiegħdet fid-deċiżjoni tagħha mit-termini tar-rinviju għal ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, u għalkemm l-enumerazzjoni tal-imputazzjonijiet hija għal kollox żbaljata, madanakollu fil-parti deċiżorja hemm indikat ċar u tond dwar liema reati kienet qed tinstab ħtija, u ċioe' tar-reat tas-serq aggravat bil-valur, filwaqt li indikat illi l-appellant kien qed jiġi lliberat mir-reat ta' riċettazzjoni u mill-addebitu tar-reċidiva, bin-nuqqas ta' ħtieġa illi jkun hemm deċiżjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali stante illi l-Avukat Ġenerali għoġbu ma jitlobx lill-Ewwel Qorti tasal għal deċiżjoni fuq dan ir-reat bl-ommissjoni ta'l-artikolu tal-liġi li jikkontempla din il-kontravvenzjoni fir-rinviju għal ġudizzju. Illi finalment abbinat ma' deċiżjoni ċara dwar ir-reati li dwarhom kienet qed tinstab ħtija u dawk li minnhom l-appellant kien qed jiġi illiberat, hemm indikazzjoni ċara ukoll ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom hija imsejsa ir-reita' sabiex b'hekk hemm aderenza

mar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-tieni aggravju, l-appellant jattakka għal darb'oħra il-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija u dan għaliex l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu biex din l-istqarrija tkun skartata bħala prova in atti. Jisħaq l-appellant illi lura fis-sena 2014 meta huwa kien arrestat u interrogat, u ċioe' fis-06 ta' April ta' dik is-sena, il-liġi ma kenitx tagħtih il-jedd li jkollu avukat preżenti miegħu waqt l-intervista, għalkemm huwa kien mogħti il-jedd jieħu parir ta' avukat qabel ir-rilaxx tal-istqarrija, liema jedd huwa irrifjuta[2]. Jikkontendi illi id-dritt ta'l-avukat f'dan iż-żmien kien imxekkel bir-regola tal-inferenza u dan għaliex id-dritt għas-silenzju jintilef meta s-suspettat jużufruwixxi ruħu mill-jedd li jieħu parir legali.

Illi għalkemm huwa minnu illi matul dawn l-aħħar snin il-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrija, fejn il-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat ma tkunx assistita legalment f'mument meta tista' tinkrimina lilha innifisha ġjaldarba dik l-istqarrija hija prova reġina fil-proċess ġudizzjarju, rat ħafna mutamenti, madanakollu l-aħħar sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali jżommu mad-deċiżjonijiet tal-QEDB lil iddireġiet lil qrati nazzjonali sabiex jistabbilixxu, fid-determinazzjoni ta' dan il-kwezit legali, jekk il-proċess ġudizzjarju huwiex difettuż, u l-jedd tal-persuna akkuzata għal smigħ xieraq huwiex vjolat, billi jeżaminaw dak il-proċess fit-totalita' kollu tiegħu[3]. Dan allura anke f'dawk l-istanzi fejn ingħata il-jedd li kien eżistenti wara l-emendi li daħħlu fis-seħħ fi Frar 2010, u ċioe' meta s-suspettat kien jingħata id-dritt jikkonferixxi ma' avukat għal siegħa qabel l-interrogatorju, fejn l-għazla li huwa jużufruwixxi minn dan id-dritt kien iġorr miegħu ir-regola tal-inferenza f'dawk l-istanzi fejn huwa jagħżel li ma jweġibx għal xi mistoqsija li ssirlu. Illi l-appellant ingħata dan il-jedd li kien viġenti fiż-żmien meta kienet irrilaxxjata l-istqarrija tiegħu u għalhekk huwa tal-fehma illi l-istqarrija tiegħu ma għandha ebda valur probatorju

[2] Dok JA2 a fol.8

[3] Ara fost oħrajn Emmanuel Spagnol vs Avukat Generali et – QK – 31/05/2023; Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – QK– 31/05/2023

billi meta huwa għazel li jirrifjuta l-assistenza legali li kienet qed tiġi lilu offruta, dan sar b'din il-kundizzjoni.

Issa jibda biex jingħad illi kemm mid-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali eżebita in atti a fol.8 immarkata bħala Dokument JA2, kif ukoll mit-twissija mogħtija lilu qabel irrilaxxja l-istqarrija, fl-ebda ħin ma jidher illi l-appellant kien mgħarraf dwar din ir-regola inferenzjali. Ingħatalu id-dritt għall-assistenza legali u hu irrifjutah *sic et simpliciter*. Illi imbagħad meta tibda l-intervista tiegħu jiġi hekk mistoqsi:

> **"D: Ngħid sew li inti inghatajt ic-cans li tkellem avukat tal-fiducja tieghek qabel irrilaxxjat din l-istqarrija?"**

U l-appellant, allura suspettat, iwieġeb hekk:

> **"T: Iva, izda ma hassejtx il-bzonn li nghamel dan."**

Illi allura ma jidhirx illi d-deċiżjoni meħuda mill-appellant li ma jieħux parir legali, u allura it-tweġibiet li jagħti sussegwentment fl-istqarrija, kienu b'xi mod influwenzati mir-regola tal-inferenza u dan għaliex lanqas biss kien mgħarraf biha.

Illi mbagħad id-deċiżjonijiet tal-QEDB jieħdu l-linja illi meta jkun hemm l-applikazzjoni ta' din ir-regola, ma jfissirx awtomatikament illi l-istqarrija sussegwentement irrilaxxjata hija irritwali u leżiva tad-dritt għal smiegħ xieraq. Kien hemm deċiż fid-deċiżjoni ***O'Donell vs Ir-Renju Unit*[4]*:–***

> **48. The right to remain silent is a generally recognised international standard which, together with the right against self-incrimination, lies at the heart of a fair procedure (see *Bykov v. Russia* [GC], no. 4378/02, § 92, ECHR 2009-...). However, the right to silence is not an absolute right (see *John Murray v. the United Kingdom*, 8 February 1996, § 47, *Reports of Judgments and Decisions* 1996-I and *Condron v. the United Kingdom*, no. 35718/97, § 56, ECHR 2000-V). The fact that a trial judge leaves a jury with the option of drawing an adverse inference from an accused's failure to give evidence, either during police interview or, as in the instant case, during his trial, cannot in itself be considered incompatible with the requirements of a fair trial (*Beckles v. the United Kingdom*, no. 44652/98, § 57, 8 October 2002 and *Tabbakh v. the United Kingdom* (dec.), no. 40945/09, §29, 21 February 2012).**
>
> **49. It would be incompatible with the right to silence to base a conviction solely or mainly on the accused's silence or on a refusal to answer questions or give evidence himself. Nevertheless, the Court has previously concluded**

[4] 07/07/2015 – 16667/10 Fourth Section:

**that the right cannot and should not prevent a jury from taking the accused's silence into account in situations which clearly call for an explanation from him (*John Murray v. the United Kingdom*, cited above, § 47, and *Condron v. the United Kingdom*, cited above, § 56).**

**50. However, as the Court has previously emphasised, the right to silence lies at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6 of the Convention. Therefore, particular caution is required before a domestic court can invoke an accused's silence against him (*Averill v. the United Kingdom*, no. 36408/97, § 45, ECHR 2000-VI).**

**51. Whether the drawing of adverse inferences from an accused's silence infringes upon his rights under Article 6 of the Convention is a matter to be determined in light of the circumstances of the case, having regard to the situation where inferences may be drawn, the weight attached to them by the national courts in their assessment of the evidence and the degree of compulsion inherent in the situation (see *John Murray*, cited above, § 47). In practice, adequate safeguards must be in place to ensure that any adverse inferences do not go beyond what is permitted under Article 6 (ibid). The trial judge's direction to the jury on adverse inferences is of particular relevance to this inquiry (see *Beckles*, cited above, § 59).**

Illi mbagħad, kif ġustament tikkonkludi l-Ewwel Qorti l-appellant ma jistax jitqies li kien xi bniedem vulnerabbli fiż-żmien meta kienet irilaxxjata din l-istqarrija billi huwa kien midħla sew tal-proċess ġudizzjarju kif rifless fil-fedina penali piuttost voluminuża tiegħu. Illi ukoll l-istqarrija tal-appellant mhijiex l-uniku prova li hemm determinanti fil-konfront tiegħu b'xhieda okulari jixhdu illi l-appellant inqabad *in flagrante* jikkommetti s-serq mertu ta' din il-kawża, bir-*res furtiva* tkun misjuba fuq it-trukk reġistrat f'ismu. *Del resto* fl-imsemmija stqarrija l-appellant igħid illi huwa ħa l-oġġetti fiż-żewġ serqiet li dwarhom kien mixli, fuq struzzjonijiet tal-ko-akkużat tiegħu Anise Bejaoui li kien infurmah li kellu l-kunsens tas-sidien biex iċaqlaq dawn l-affarijiet.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant mhuwiex qiegħed jikkontesta dik il-parti tas-sentenza appellata fejn huwa kien misjub ħati tar-reat tas-serq aggravat kommess fil-05 ta' April 2014. Stranament jikkontesta biss is-sejbien ta' ħtija għas-serqa kommessa fl-04 ta' April

2014 għalkemm hemm ness bejn iż-żewġ serqiet, u dan meta jikkontendi illi l-uniku prova li torbtu ma' din is-serqa hija l-istqarrija tiegħu, u fl-agħar ipotezi tista' tirriżulta r-reita' ghar-reat ta' riċettazzjoni u mhux is-serq.

Illi diġa' ġie deċiż illi l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant hija prova valida u kwindi sewwa għamlet l-Ewwel Qorti meta ħaditha in konsiderazzjoni fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija o meno tal-appellant. Issa fl-istqarrija l-appellant jammetti illi kemm fil-jum tal-04 ta' April, kif ukoll l-għada, il-05 ta' April 2014 hu flimkien ma' Anise Bejaoui ħadu xi għodda mill-proprjeta' ta' Polidano Group fejn kien jaħdem Bejaoui. Jisħaq madanakollu illi kien Anise Bejaoui li ndikalu li din l-għodda setgħet tiġi rimossa billi kellu il-permess minn għand is-sid Charles Polidano, u dan għaż-żewġ serqiet. L-għodda li insterqet fl-04 ta' April 2014 ittieħdet għand ċertu Adolf Baldacchino li ħallashom għaliha s-somma ta' €135 euro, li minnhom Bejaoui għadda is-somma ta' €60 lill-appellant. L-għada meta kienu ser jieħdu xi oġġetti oħra inqabdu hu u Bejaoui *in flagrante* u sar ir-rapport lil pulizija. Issa, kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti, huwa għal kollox inverosimili illi l-appellant ma kienx jaf x'kienet l-intenzjoni ta' Bejaoui, persuna li huwa kien jaf li kien involut f'ħajja krimoġenika, tant illi jassistieh fis-serqa billi iġib trakk li kien reġistrat f'ismu biex igħabbu l-oġġetti għal fuqu. Fil-fatt jista' jingħad illi din is-serqa kienet ippjanata sew tant illi Bejaoui li kien impjegat ma' Polidano Group, ħajjar lill-appellant biex imur jaħdem f'dan il-post u kien proprju fil-jum meta seħħet l-ewwel serqa li l-appellant mar fuq dan il-post tax-xogħol, bl-intenzjoni tkun illi huwa jibda xogħol fil-ġurnata tat-tnejn 07 ta' April 2014. Kif ingħad, l-appellant wara li ra il-materjal li kien ser jinġarr mill-i*scap yard*, ġab it-trakk tiegħu bil-*high up* u hu u Bejaoui għabbew il-ħadid u l-għodda fl-ewwel serqa li seħħet fl-04 ta' April 2014 u wara rħewlha għand Adolph Baldacchino, li għandu negozju fejn jixtri ħadid mormi, li għaddielhom il-flus għal dawn l-oġġetti. Kif ingħad, il-Qorti qajla tista' tifhem kif l-appellant qiegħed f'dan l-appell jitlob illi tkun ikkonfermata il-ħtija għas-serqa tal-05 ta' April 2014 u jitlob il-liberatorja għas-serqa tal-04 ta' April 2014 meta mill-evidenza li hemm fl-atti, u b'mod ewlieni mix-xiehda tal-appellant stess, jirriżulta li hemm ness bejn dawn iż-żewġ serqiet tant illi s-serqa tal-05 ta' April hija fil-fatt kontinwazzjoni ta' dik tal-04 ta' April kif igħid l-appellant

stess meta ttieħed akta materjal goff li kien *scrap*, li ma setax kollu jinġarr fis-serqa preċedenti. Mhux biss iżda huwa kemmxejn inverosimili kif sid dan il-materjal jippermetti lil kwalunkwe persuna taċċedi fil-proprjeta tiegħu, u jieħu materjal kemm irid mingħajr ma jieħu kont ta' dak li qed jittieħidlu. Kwindi huwa indubitat illi fl-ewwel lok l-appellant kien jaf ben tajjeb illi ma kellux il-permess tas-sid biex l-oġġetti jittieħdu minn fuq il-post tant illi Polidano stess jiċħad li qatt ingħata il-permess biex din l-għodda toħroġ mill-*iscrap yard* tiegħu u fit-tieni lok dawn l-oġġetti baqgħu sejrin bihom għand Baldacchino li ħallashom għal din ir-*res furtiva* u li parti minn dan il-qliegħ ittieħed mill-appellant.

Illi f'dan ix-xenarju probatorju ma jistax jingħad illi jirriżulta r-reat tar-riċettazzjoni u mhux tas-serq, billi l-appellant kien fiż-żewġ okkazzjonijiet fuq il-post tad-delitt igħin u jassisti lill-ko-awtur miegħu fil-kummissjoni tar-reat sabiex jisirqu l-oġġetti mill-proprjeta' tal-parti leża. Mhux biss, iżda kien l-appellant li ipprovda il-mezz ta' trasport sabiex l-oġġetti jinġarru mill-*iscrap yard* fejn kienu jinżammu, bl-element ewlieni tar-reat tas-serq u ċioe' l-*contrecatio* jew it-teħid tal-oġġett mill-awtur tar-reat ikun sodisfatt. Għaldaqstant dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Jifdal finalment biex il-Qorti tqis l-aggravju marbut mal-piena erogata fil-konfront tal-appellant ta' priġunerija għal sentejn. Jisħaq l-appellant li din hija eċċessiva u ma tindirizzax il-problemi soċjali u personali li kien għaddej minnhom fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, b'mod ewlieni l-problema tiegħu tal-vizzju tad-droga.

Illi r-reat tas-serq aggravat bil-valur li jeċċedi l-€2,329.37 iġorr il-piena tal-priġunerija bejn tlettax-il xahar u seba' snin, sabiex b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhux biss hija fil-parametri tal-liġi, iżda hija waħda li tqarreb lejn il-minimu. Illi għalkemm l-appellant igħid illi huwa afflitt minn problemi soċjali u personali fosthom dik tad-droga, madanakollu prova fl-atti dwar dak minnu allegat ma hemmx. Inoltre minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu, jirriżulta illi l-appellant għandu fedina penali piuttost voluminuża, kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti, li tul is-snin minn meta qabad il-ħajja kriminoġenika ma għarafx jużufruwixxi ruħhu mill-opportunitajiet li

tawh il-qrati sabiex joħroġ minn din il-ħajja u jegħleb il-problemi li igħid li għandu. Fid-dawl ta' dan ix-xenarju probatorju ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod żbaljat jew li l-piena hija remotament eċċessiva, kif allegat, u għaldaqstant din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' jwassalha tvarja l-piena erogata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan għalhekk illi qed tikonferma il-ħtija għar-reati tas-serq aggravat li seħħew fl-04 u l-05 ta' April 2014, u l-liberazzjoni għar-reat ta' riċettazzjoni u għall-addebitu tar-reċidiva. Tiddikjara għal kompletezza tad-deċiżjoni illi fir-rigward tar-reat kontravvenzjonali maħsub fl-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali dan ma kienx indikat fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju ta'l-Avukat Ġenerali u għalhekk għalkemm ma hemmx dikjarazzjoni fis-sentenza appellata fir-rigward, madanakollu l-Qorti għal kull buon fini tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**